



Brussell, 25 ta' April 2025
(OR. en)

7943/25

LIMITE

JEUN 49
EDUC 108
SOC 220
EMPL 141

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill li tirrieżamina l-linji gwida dwar il-governanza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ - <i>Approvazzjoni</i>

1. Il-Grupp ta' Ħidma dwar iż-Żgħażaġħ eżamina l-abbozz ta' riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' hawn fuq f'għadd ta' laqgħat. Id-delegazzjonijiet kollha qablu mat-test mehmuż.
2. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jikkonferma li hemm qbil dwar it-test mehmuż u jippreżentah lill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) għall-approvazzjoni fis-sessjoni tiegħu fit-12 ta' Mejju 2025 u l-pubblikazzjoni sussegwenti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Abbozz ta' riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill li tirrieżamina l-linji gwida dwar il-governanza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

JISSOTTOLINJAW LI:

1. Fid-dawl tal-isfidi dinamiċi attwali li qed iħabbtu wiċċhom magħhom iż-żgħażaġh fl-Unjoni Ewropea, u filwaqt li jitqiesu r-rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-evalwazzjoni interim tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġh¹ u r-rakkomandazzjonijiet miċ-ċikli preċedenti tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, hemm hteieġa dejjem akbar li tiġi rieżaminata r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill li tistabbilixxi linji gwida dwar il-governanza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġh².

¹ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-evalwazzjoni interim tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, COM(2024) 162 final.

² Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill li tistabbilixxi linji gwida dwar il-governanza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ - Strateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, ĠU C 189, 5.6.2019, p. 1–3.

2. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-legat tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022³, ir-rapport tagħha dwar l-evalwazzjoni interim tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġh⁴, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-legat tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022⁵ kollha jenfasizzaw il-ħtieġa li tingħata vuċi aktar b'saħħitha liż-żgħażaġh u li jiġi żgurat li huma jkunu jistgħu jsawru l-preżent u l-ġejjieni tal-Unjoni Ewropea. Id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ huwa mekkaniżmu fundamentali biex dan isir fil-kuntest Ewropew.

³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022, COM(2024) 1 final.

⁴ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-evalwazzjoni interim tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, COM(2024) 162 final.

⁵ Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-legat tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022, ĠU C, C/2024/3543, 31.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/3543/oj>.

3. Huwa kritiku li d-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ jibqa' jkun rilevanti u jkollu impatt biex isir progress fl-għanijiet tal-Unjoni ta' inklużività, koeżjoni u impenn demokratiku⁶. Id-djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ għandu jibqa' sinifikattiv, adattabbli, reattiv u allinjat mal-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet dejjem jinbidlu taż-żgħażaġh, u b'hekk jirrinforza l-impenn tal-UE li trawwem żgħażaġh attivi, impenjati u emanċipati fl-Ewropa kollha.
4. Id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ huwa mekkaniżmu ewlieni għall-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fl-UE, u jista' jkun ta' ispirazzjoni mad-dinja kollha. L-elementi ewlenin tal-mekkaniżmu jinkludu d-djalogu dirett bejn iż-żgħażaġh, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet internazzjonali mhux governattivi taż-żgħażaġh u r-riċerkaturi minn naħa u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet li jirrappreżentaw il-livelli kollha min-naħa l-oħra, il-konsultazzjoni taż-żgħażaġh dwar suġġetti rilevanti għalihom, u s-sħubija kontinwa fil-governanza tal-proċess tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ fil-livelli kollha. B'rabta mal-implimentazzjoni tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u f'konformità mal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027⁷, l-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ għandhom ikomplu "jsewvi bħala ispirazzjoni u jipprovdu orjentazzjoni għall-UE, l-Istati Membri tagħha u l-partijiet ikkonċernati rilevanti u l-awtoritajiet tagħhom"⁸.

⁶ L-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

⁷ Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, ĠU C 456, 18.12.2018, p. 1–22.

⁸ L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 (punt 3, it-tielet paragrafu), ĠU C 456, 18.12.2018, p. 2.

5. L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 tispeċifika għadd ta' aspetti li jipprovdu qafas għall-implimentazzjoni tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ:
- a) il-bini fuq l-esperjenzi tal-passat,
 - b) l-għan ta' proċess aktar ċar u sempliċi,
 - c) ċikli ta' ħidma preferibbilment ta' 18-il xahar,
 - d) l-iffissar ta' prijorità tematika waħda għal kull ċiklu,
 - e) li jiġi segwit il-pjan ta' ħidma tagħha,
 - f) l-għoti ta' flessibilità rigward l-atturi li jieħdu sehem fil-governanza u l-implimentazzjoni tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ,

- g) segwitu u monitoraġġ kontinwi tal-eżiti tal-kwalità u l-impatt tal-proċess kollu,
- h) ir-rikonoxximent tar-rwol tal-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali, li huma l-entitajiet fil-livell tal-Istati Membri li għandhom il-kompitu li jorganizzaw konsultazzjonijiet, u li jippromwovu u jikkontribwixxu għall-impatt fuq id-djalogu maż-żgħażaġh⁹.
F'konformità mal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, "l-Istati Membri huma mħeġġa jippermettu l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-fażijiet kollha ta' implimentazzjoni tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ billi jingħata fost l-oħrajn rwol ewlieni fil-Grupp ta' Ħidma Nazzjonali għall-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażaġħ"¹⁰.
6. L-evalwazzjoni interim tal-Kummissjoni Ewropea tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 tenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-komunikazzjoni dwar id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, fost oħrajn permezz ta' attivitajiet ta' taġħlim reċiproku, l-integrazzjoni taż-żgħażaġh, u l-monitoraġġ. Tenfasizza wkoll il-ħtieġa li jitħares il-progress fl-inklużjoni, filwaqt li jiġi żgurat li jsiru sforzi biex dan l-aspett importanti tad-djalogu jkompli jiġi indirizzat.
7. L-evalwazzjoni interim tal-Kummissjoni Ewropea tindika li qasam li għandu jingħata attenzjoni partikolari huwa l-iżvilupp u l-appoġġ ulterjuri ta' proċess biex ir-rakkomandazzjonijiet mid-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ jiġu diretti lejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-livelli kollha. Dan jinkludi wkoll li jiġu żgurati mekkaniżmi biex il-parteċipanti u l-partijiet ikkonċernati jiġu mgħarrfa dwar is-segwitu fil-livelli kollha.

⁹ Ara l-programm ta' ħidma annwali għall-implimentazzjoni ta' Erasmus+, il-programm tal-UE għall-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport, referenza tal-Kummissjoni C(2024) 7026, 11 ta' Ottubru 2024.

¹⁰ L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ, p. 9 (l-Anness I, il-punt 4, it-tielet paragrafu).

8. Il-Bord Konsultattiv taż-Żgħażaġħ futur għall-President tal-Kummissjoni Ewropea huwa inizjattiva ġdida. Dan ser jagħti pariri dwar kwistjonijiet li huma importanti għaż-żgħażaġh u l-pari tagħhom fil-komunità tagħhom u jagħti opportunità biex jiġu kkunsidrati ideat żviluppati mill-Kummissjoni. Fit-tfassil tal-Bord u l-missjonijiet tiegħu, għandhom jitqiesu l-konnessjonijiet possibbli tiegħu mad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ sabiex il-membri tal-Bord Konsultattiv taż-Żgħażaġħ ikunu jistgħu jgħaddu l-messaġġi taż-żgħażaġh u r-riżultati tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ fl-ogħla livell politiku tal-UE.
9. Hemm bżonn li jiġi żgurat li l-governanza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ tkun aktar trasparenti u effettiva billi jiġu definiti b'mod ċar ir-rwoli tal-partijiet ikkonċernati kollha, u billi jissaħħu l-kooperazzjoni u r-responsabbiltà tagħhom għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tat-Triju ta' Presidenzi.
10. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-Impenn, il-Konnessjoni u l-Għoti tas-Setgħa liż-żgħażaġh"¹¹ u r-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill dwar ir-riżultati taċ-ċikli tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u l-evalwazzjoni interim tal-Kummissjoni Ewropea tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ jistgħu jservu ta' dokumenti ta' gwida għal kull min huwa involut fid-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ.

GĦANDHOM L-GĦAN LI:

11. Isaħħu u jtejbu d-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ fis-snin li ġejjin billi jiżviluppaw u jimplementaw miżuri prattiċi biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin tal-proċess. Dan għandu jinkludi:

¹¹ 9264/18 + ADD 1-8, COM(2018) 269 final + SWD(2018) 168 u 169 final.

- a) l-iżvilupp ta' approċċ lejn l-għoti ta' feedback regolari fil-livell tal-UE, nazzjonali, reġjonali u dak lokali liż-żgħażaġh u lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh dwar l-eżiti tal-proċess ta' Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u l-attivitajiet ta' segwitu sabiex jiġu żgurati djalogu sinifikanti u s-sehem taż-żgħażaġh fil-livelli kollha. Dan għandu jinkludi riflessjoni dwar kif jistgħu jintlaħqu eżiti aktar konkreti fi ħdan il-proċess, pereżempju billi d-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ jiġi allinjat aħjar mal-programm ta' ħidma u l-aġenda politika tal-Kummissjoni Ewropea billi tingħata attenzjoni lil miżuri ta' implimentazzjoni (konġunti) konkreti magħżula;
- b) il-ħolqien ta' strateġija ta' komunikazzjoni komuni għad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ biex jiġi żgurat it-tixrid sostenibbli ta' informazzjoni trasparenti u faċli biex tinftiehem miż-żgħażaġh fil-fażijiet kollha tal-proċess.
12. Jaħdmu għall-objettiv li tissaħħaħ il-governanza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, b'mod partikolari billi jikkonċentraw fuq l-atturi involuti, ir-rwoli tagħhom, il-qafas organizzattiv li fih isiru l-attivitajiet tagħhom u l-kwistjonijiet ta' implimentazzjoni relatati mal-governanza, filwaqt li fl-istess ħin jirrikonoxxu r-rwol importanti li jaqdi s-settur taż-żgħażaġh tal-UE fil-qafas organizzattiv tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġh¹².
13. Itejbu l-aċċessibilità u l-kwalità tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ biex jiżguraw is-sehem inklużiv taż-żgħażaġh fid-diversità kollha tagħhom, isaħħu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri, u jtejbu l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' inizjattivi relatati maż-żgħażaġh.
14. Fil-kuntest tal-proċess tat-tkabbir, jesploraw kif jinvolvu aktar liż-żgħażaġh minn pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali fid-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, fejn xieraq.

¹² Is-"settur taż-żgħażaġh tal-UE" ġeneralment jirreferi għall-organizzazzjonijiet, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, il-membri tad-dinja akkademika, is-soċjetà ċivili taż-żgħażaġh kollha u esperti oħra involuti fl-iżvilupp tal-politika dwar iż-żgħażaġh li jwettqu attivitajiet u proġetti rilevanti għaż-żgħażaġh fl-UE.

IQISU LI:

15. It-Triju ta' Presidenzi għandu jieħu r-rwol ewlieni fit-tmexxija tal-implimentazzjoni tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ. Dan il-proċess jitwettaq f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea, il-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali, il-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ, u rappreżentanti oħra tas-soċjetà ċivili taż-żgħażaġh kif ukoll l-Aġenziji Nazzjonali¹³, fejn xieraq. Sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni effettiva, it-Triju ta' Presidenzi għandu jorganizza din il-ħidma permezz tal-Grupp ta' Tmexxija Ewropew.
16. Il-Grupp ta' Tmexxija Ewropew iservi bħala l-pjattaforma ta' governanza għad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ. Il-membri tiegħu jinkludu rappreżentanti tat-Triju ta' Presidenzi u r-rappreżentanti taż-żgħażaġh tagħhom mill-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali, preferibbilment permezz tal-Kunsilli Nazzjonali taż-Żgħażaġħ, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea u l-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ. Fuq l-istedina tat-Triju ta' Presidenzi, fil-Grupp ta' Tmexxija Ewropew jistgħu jieħdu sehem ukoll partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, bħal Aġenziji Nazzjonali, riċerkaturi, esperti, u rappreżentanti tat-Triju ta' Presidenzi preċedenti u dak li jmiss.
17. Ir-rwol tal-Grupp ta' Tmexxija Ewropew huwa li:
 - a) jagħti gwida ġenerali għad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, li tkopri kwistjonijiet bħall-prijorità tematika taċ-ċiklu, filwaqt li jiżgura l-kontinwità fiċ-ċikli u bejniethom, l-istrumenti ta' konsultazzjoni, l-attivitajiet ta' implimentazzjoni u l-avvenimenti rilevanti għall-proċess, fosthom il-Konferenzi tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ;
 - b) jagħti kontribut, għodod u appoġġ fejn meħtieġ, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-kwalità għolja tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u l-konsistenza tematika fi ħdan kull ċiklu;

¹³ "Aġenzija Nazzjonali" tfisser korp wieħed jew aktar inkarigati mill-immaniġġar tal-implimentazzjoni tal-Programm Erasmus+ u tal-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fil-livell nazzjonali fi Stat Membru jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm.

- c) jikkoopera b'mod effettiv mal-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali billi jipprovdi linji gwida, għodod u appoġġ, fosthom il-faċilitazzjoni ta' skambji regolari fejn xieraq, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' kwalità għolja tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ;
 - d) jiżgura li ssir, tiġi mmonitorjata u użata evalwazzjoni parteċipattiva taċ-ċiklu u jkun hemm segwitu għaliha, jiżgura t-tixrid b'mod mifruq tal-evalwazzjoni, u jagħti appoġġ għall-monitoraġġ u s-segwitu tal-eżiti tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ fl-oqsma ta' politika kollha li jolqtu liż-żgħażaġh;
 - e) jiżgura approċċ kwalitattiv u bbażat fuq l-evidenza għall-implimentazzjoni u l-immaniġġar tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ bl-appoġġ tar-riċerkaturi;
 - f) jagħti kontribut għall-iżgurar tal-preservazzjoni tal-memorja istituzzjonali tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u l-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ;
 - g) jiffaċilita proċess ta' tranżizzjoni bla xkiel għat-Triju ta' Presidenzi li jmiss;
 - h) jikkunsidra l-eżiti u r-rakkomandazzjonijiet ta' ċikli preċedenti tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ relatati mat-titjib tal-governanza tiegħu, fejn xieraq;
 - i) jesplora metodi għat-tiħiħ tal-evalwazzjoni, il-monitoraġġ u s-segwitu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u l-eżiti tiegħu fil-livelli kollha;
 - j) ikopri kwalunkwe aspett ieħor li t-Triju ta' Presidenzi, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u r-rappreżentanti taż-żgħażaġh, jista' jqis xieraq.
18. Sabiex jiġi żgurat li l-Grupp ta' Tmexxija Ewropew taċ-ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ jaħdem b'mod trasparenti u bla xkiel u tiġi appoġġata l-preservazzjoni tal-memorja istituzzjonali, it-Triju ta' Presidenzi għandu jħejji dokument ta' ħidma u nota ta' spjegazzjoni, li jistipulaw l-oġġettivi u t-temi tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u jispeċifikaw ir-rwoli tal-atturi kollha involuti fil-Grupp ta' Tmexxija Ewropew, kif ukoll il-kompiti operazzjonali u l-metodi ta' ħidma kollha.

19. Ir-rwol tal-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali huwa li:

- a) jimplimentaw il-konsultazzjoni dwar id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ fil-livell lokali, reġjonali u dak nazzjonali;
- b) jikkomunikaw b'mod effettiv l-objettivi u l-prijoritajiet tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ liż-żgħażaġh u lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u jippromwovuhom b'mod attiv fil-livell lokali, reġjonali u dak nazzjonali;
- c) iqajmu kuxjenza dwar id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u kif persuna tista' tieħu sehem fil-livell lokali, reġjonali u dak nazzjonali;
- d) jstimulaw is-sehem attiv tas-settur taż-żgħażaġh fid-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ fil-livell lokali, reġjonali u dak nazzjonali;
- e) jiżguraw li gruppi ta' żgħażaġh sottorappreżentati, fosthom dawk b'inqas opportunitajiet, ikunu involuti fid-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ fil-livell lokali, reġjonali u dak nazzjonali;
- f) jagħtu kontribut għall-implimentazzjoni tal-eżiti tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, fosthom il-komunikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-konsultazzjoni tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ lill-atturi rilevanti fil-livell lokali, reġjonali u dak nazzjonali;
- g) iħejju lid-delegati taż-żgħażaġh għall-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ, inkluż billi jipprovduhom taħriġ imfassal apposta dwar il-valuri u l-funzjonament tal-UE kif ukoll dwar l-ispeċifità tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u l-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ sabiex jingħataw fehim tajjeb tar-rwol tagħhom u jitħejjew għas-suġġetti li jkunu qed jiġu diskussi sabiex ikunu jistgħu jikkontribwixxu għal dawn id-diskussjonijiet b'mod infurmat;
- h) jinvolvu ruħhom, f'konformità mar-regoli tal-UE u ċ-ċirkostanzi nazzjonali, fil-proċess ta' applikazzjoni għall-għotja tal-UE għall-implimentazzjoni tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali, u l-ġestjoni ta' din l-għotja u r-rappurtar dwarha.

20. Il-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali għandhom:

- a) jipprovdu rwol ewlieni liż-żgħażaġh, tipikament irrappreżentati permezz tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażaġħ, biex jiġi żgurat li d-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ jitmexxa miż-żgħażaġh;
- b) jiddeċiedu dwar il-konfigurazzjoni u l-proċeduri operazzjonali li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom bl-aħjar mod f'konformità mal-ispeċifikitajiet tal-Istati Membri tagħhom u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ;
- c) jikkontribwixxu għat-twettiq tal-objettivi ta' kull ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ;
- d) jiżguraw rappreżentanza adegwata taż-żgħażaġh fid-diversità kollha tagħhom fil-fażijiet kollha tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġh¹⁴;
- e) jiġu nnominati f'konformità mar-regoli u ċ-ċirkostanzi nazzjonali mill-Istati Membri qabel kull perjodu ta' għotja fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea;
- f) ikunu appoġġati, fejn xieraq, mill-Aġenziji Nazzjonali li jistgħu, fost affarijiet oħra, jagħtu informazzjoni dwar l-objettivi tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u jippromwovu l-parteċipazzjoni fihom, inkluż lil gruppi sottorappreżentati, u jrawmu sinerġiji mal-programmi Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;
- g) jikkooperaw mal-Kummissjoni fl-iżvilupp u l-użu tal-linji gwida dwar approċċ sistemiku għall-monitoraġġ u t-tixrid tal-eżiti tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ fil-livell lokali, reġjonali u dak nazzjonali.

¹⁴ Ibid. nota 9 f'qiegħ il-paġna.

21. Ir-rwol tad-delegati taż-żgħażaġh huwa li:

- a) jieħdu sehem attiv fil-Konferenzi Ewropej taż-Żgħażaġħ sabiex jittkellmu f'isem iż-żgħażaġh f'pajjiżhom, filwaqt li jibnu fuq is-sejbiet tal-konsultazzjonijiet nazzjonali u t-tnejjija tagħhom mill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażaġħ;
- b) jieħdu sehem, meta jkun meħtieġ u possibbli, fil-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali u f'avvenimenti nazzjonali relatati mad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ;
- c) jagħtu kontribut fil-livell nazzjonali, reġjonali u dak lokali għall-promozzjoni tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u għall-għarfien dwar dan il-proċess fost il-pari tagħhom, inkluż billi jaqsmu dak li jkun ġie diskuss fil-Konferenzi Ewropej taż-Żgħażaġħ;
- d) jagħtu kontribut, meta jirrappreżentaw organizzazzjonijiet mhux governattivi internazzjonali taż-żgħażaġh, għad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ billi attivament jinkludu fid-diskussjonijiet perspettivi miż-żgħażaġh, l-organizzazzjonijiet tagħhom u l-oqsma ta' azzjoni speċifiċi tagħhom.

22. Ir-rwol tal-Kummissjoni Ewropea huwa li:

- a) tiżgura l-preservazzjoni tal-memorja istituzzjonali tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, inkluż l-arkivji tiegħu, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ u fuq il-bażi tal-kontribut mogħti mill-Grupp ta' Tmexxija Ewropew;
- b) tiżgura proċess ta' integrazzjoni bla xkiel għat-Triju ta' Presidenzi li jkun imiss, u t-trasferiment tal-għarfien bejn iċ-ċikli, f'kooperazzjoni mal-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ;
- c) tagħti appoġġ u gwida lill-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali dwar il-komunikazzjoni tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, bħall-identità viżiva, il-prodotti ta' komunikazzjoni u l-pjanijiet ta' komunikazzjoni tiegħu, sabiex jiġi żgurat li kemm il-proċess kif ukoll l-eżiti jiġu rikonoxxuti u jinxterdu b'mod wiesa';

- d) tagħti kontribut għal implimentazzjoni bbażata fuq l-evidenza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ billi ssaħħaħ u tissimplifika r-rwol tar-riċerkaturi, inkluż esplorazzjoni ta' kif huma jistgħu jagħtu kontribut għall-evalwazzjoni tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, is-segwitu għalih u l-monitoraġġ tiegħu;
- e) tfittex sinerġiji bejn id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u inizjattivi u mekkaniżmi parteċipattivi oħra tal-UE sabiex tiżdied l-effettività tagħhom u jissaħħaħ is-sehem taż-żgħażaġħ;
- f) tikkomunika u żżid l-għarfien dwar id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u b'mod partikolari l-eżiti tiegħu, fil-livell tal-UE, inkluż permezz tal-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ u n-Network taż-Żgħażaġħ tal-Kummissjoni ta' korrispondenti taż-żgħażaġħ;
- g) tappoġġa, permezz ta' għotjiet tal-UE, il-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali u t-Triju ta' Presidenzi fl-attivitajiet tagħhom relatati mad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ;
- h) iżżid l-allinjament bejn id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u l-programm ta' ħidma u l-aġenda politika tal-Kummissjoni Ewropea bil-ħsieb li jissaħħaħ l-impatt tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ bħala proċess immexxi miż-żgħażaġħ;
- i) tiżviluppa, bl-involviment tal-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali, linji gwida dwar approċċ unifikat u sistemiku għall-monitoraġġ u t-tixrid tal-eżiti tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ fil-livelli kollha.

23. Ir-rwol tal-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ huwa li:

- a) jaġhti kontribut biex tiġi żgurata l-preservazzjoni tal-memorja istituzzjonali tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, inkluż l-arkivji tiegħu, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea u fuq il-bażi tal-kontribut mogħti mill-Grupp ta' Tmexxija Ewropew;
- b) jappoġġa lill-Kummissjoni Ewropea fl-iżgurar ta' integrazzjoni bla xkiel għat-Triju ta' Presidenzi li jkun imiss, u t-trasferiment tal-għarfien bejn iċ-ċikli;
- c) joffri appoġġ u pariri lill-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali u lill-Kunsilli Nazzjonali taż-Żgħażaġħ;
- d) jikkomunika b'mod effettiv l-oġettivi u l-prijoritajiet tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ liż-żgħażaġh u lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u jippromwovihom b'mod attiv fil-livell tal-UE;
- e) jikkomunika l-eżiti tal-konsultazzjoni tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ permezz tan-networks u l-mezzi xierqa tiegħu.

24. Sabiex tiġi żgurata l-prevedibbiltà fil-mod kif id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ jiżvolġi f'kull ċiklu ta' ħidma ta' 18-il xahar, il-Presidenza għandha tgħarraf lill-Grupp ta' Ħidma dwar iż-Żgħażaġħ u lill-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali, fil-ħin, dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Grupp ta' Tmexxija Ewropew, il-progress fl-implimentazzjoni tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u kwalunkwe ħaġa oħra li tista' tkun pertinenti għall-aspetti msemmijin fil-21 paragrafu ta' hawn fuq.

JIMPENJAW RUĦHOM LI:

25. Jistabilixxu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea segretarjat tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ fi ħdan il-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ sabiex jissaħħu l-effettività u l-governanza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u biex jiġi żgurat li jkun proċess sinifikattiv immexxi miż-żgħażaġh. Il-kompiti tas-segretarjat jistgħu jinkludu l-appoġġ għall-memorja istituzzjonali, il-bini tal-kapaċità, l-iżgurar tal-koerenza u t-trasferiment tal-għarfien bejn iċ-ċikli, il-faċilitazzjoni tal-komunikazzjoni, u t-titjib tas-segwitu sistematiku tal-eżiti. Sabiex l-effettività tiegħu tkun kemm jista' jkun kbira, is-segretarjat għandu jaħdem f'sinerġija mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea, it-Triju ta' Presidenzi, il-Grupp ta' Tmexxija Ewropew, l-Istati Membri u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, filwaqt li jiżgura approċċ strutturat, trasparenti u kkoordinat għall-implimentazzjoni tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ.
26. Jirrevedu din ir-Risoluzzjoni f'konformità mal-Istrateġija futura tal-UE għaż-Żgħażaġħ wara l-2027 sabiex jaġġustawha għal żviluppi u ħtiġijiet ġodda possibbli, b'enfasi fuq l-iżgurar li s-sehem taż-żgħażaġh tibqa' sies tal-iżvilupp tal-politika Ewropea dwar iż-żgħażaġh.